28 ta' Gunju, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Paolo Cordina *versus* Joseph Galea

**Lokazzjoni — Danni — Preskrizzjoni — Rinunzja — Art. 2212 (1), 2242 u 2227 (a) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni tal-azzjoni għad-danni kagunati mill-inkwilin fil-fond mikri għandu hija ta' sentejn, u tibda tiddekorri minn meta ġraw id-danni, u mhux minn meta s-sid sar jaf bid-danni u bl-oriġini tagħhom. Għax il-liġi ma tirrikjedix li d-danneġġjat ikun jaf x'sar biex jibda għaddej it-terminu tal-preskrizzjoni; anzi l-liġi stess tgħid li dan jimxi anki kontra l-assenti. L-azzjoni titnissel mill-ħsarat, u minn dak il-mument tista' tiġi eżerċitata, u għalhekk jibda għaddej it-terminu tal-preskrizzjoni.*

*Għaldaqstant, jekk inkwilin ikun ikkaġuna xi danni fil-fond li kien mikri għandu, u s-sid jaġixxi kontra tiegħu għal dawk id-danni wara li jkunu għaddew sentejn minn meta l-inkwilin ikun ħareġ mill-fond, dik l-azzjoni hija preskritta.*

*Billi l-inkwilin konvenut fil-kawża għad-danni ikun ħalla li jsiru l-provi u perizja dwar id-danni pretiżi kontra tiegħu, ma jistgħax jingħad illi huwa rrinunzja taċitament u impliċitament għall-preskrizzjoni minnu formalment eċċepita. Biex tista' tiġi ndotta dik ir-rinunzja, jeħtieġ li jkun hemm komportament inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; u ma jistgħax jingħad li hemm dan il-komportament tal-konvenut, meta dan ma rtirax l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu formalment mogħtija, u anzi jkun żamm ferma l-istess eċċezzjoni waqt li kienu qegħdin isiru l-provi u l-perizja.*

*Barra minn dan, il-preskrizzjoni tista' tiġi mogħtija anki fl-appell; u mhux preżunmibbli li hemm rinunzja għall-preskrizzjoni formalment tal-levata sempliċement għax il-konvenut ħalla li jsiru l-provi fuq il-meritu.*

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li jippremetti illi fiż-żmien li l-konvenut kien joqgħod fid-dar tiegħu "St. Paul", Rue D'Argens, Msida, ikkaġuna fiha diversi danni li jirriżultaw mill-annessi dokumenti markati "A" u "B"; u illi l-konvenut, avvolja nterpellat b'ittra uffiċjali, ħalla l-fond fl-istat li kien; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut (1) ikun dikjarat responsabbli tad-danni kaġunati fl-istess fond; (2) u jkun kundannat, fiż-żmien li jiġi lilu prefiss, li jirripara dawn id-danni; (3) u fin-nuqqas, huwa jkun awtorizzat jeżegwixxi x-xogħolijiet ta' riparazzjoni meħtieġa a spejjeż tal-konvenut, u taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat minn dik il-Qorti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' April, 1952, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Marzu 1957, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ġew miċħuda t-talbiet, bl-ispejjeż kontra l-attur;

Illi l-attur hu l-proprjetarju tad-dar imsemmija fiċ-ċitazzjoni, li kif bniha, f'Settembru 1940, kriha lill-konvenut per mezz ta' martu, billi allura huwa kien imsiefer fis-Servizz tan-Navy. Il-konvenut dam jiddetjeni b'kera l-istess dar sas-sajf tas-sena 1945, meta ħareġ minnha, u ċ-ċwievet tagħha kkonsenjahom direttament lill-inkwilin li daħal fiha minfloku, li ġie rikonoxxut bħala inkwilin mill-attur. Però, meta l-attur spiċċa mis-servizz għal kollox, il-konvenut kien għadu inkwilin ta' dik id-dar;

L-attur jippretendi li meta l-konvenut kien joqgħod f'dik id-dar ikkaġuna fiha diversi danni, li ma rriparahomx qabel ma telaq minnha; u billi l-konvenut lanqas ma għamel dawk ir-riparazzjonijiet għalkemm ġie nterpellat minnu uffiċjalment għal dan l-iskop b'ittra tat-3 ta' April 1952, huwa ġie b'din il-kawża. Il-perit legali wasal għall-konklużjoni li l-konvenut hu responsabbli għal xi danni kaġunati minnu fid-dar imsemmija matul il-lokazzjoni; liema danni

huwa llikwidahom fis-somma komplessiva ta' £24. Il-konvenut, waqt li jiċħad ir-responsabbiltà tiegħu għal dawn id-danni, jeċċepixxi li l-azzjoni tal-attur tinsab preskritta;

Ikkunsidrat, dwar din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi, kif ġie sottomess fid-dibattitu orali, il-preskrizzjoni opposta mill-konvenut hi dik bijennali kontemplata fid-dispożizzjoni tal-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili. Il-motivi addotti mill-konvenut b'sostenn ta' din l-eċċezzjoni huma dawn: huwa ħareġ mid-dar ġa msemmija fis-sena 1945, u għalhekk id-danni pretiżi mill-attur ma setgħux saru ħlief sa dik is-sena; minn dak iż-żmien, jiġifieri minn mindu ġara l-pretiż fatt illeċitu li minnu dderivaw id-danni in kontestazzjoni, sat-3 ta' April 1952, meta l-attur interpellaħ uffiċjalment biex jirripara dawk id-danni, għaddew aktar minn sentejn; għalhekk hemm lok għall-preskrizzjoni opposta minnu. Din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa;

Illi l-attur jissottometti li f'materja ta' preskrizzjoni estintiva, bħal ma hi din taħt konsiderazzjoni, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta huwa seta' jkun jaf meta u minn min saret il-leżjoni tad-dritt tiegħu, u mhux minn meta vverifikat ruħha din il-leżjoni. Dan mhux korrett. Il-preskrizzjoni estintiva hi mod estintiv ta' azzjoni, hi mezz biex wieħed jeħles minn azzjoni (art. 2212(1) Kod. Ċiv.); u għalhekk tibda tiddekorri minn dak inhar li l-kreditur ikun jista' jeżerċita dik l-azzjoni, jiġifieri minn dak inhar li l-azzjoni tkun tista' tiġi eżerċitata (art. 2242 Kod. Ċiv.), jew aħjar minn meta tinħoloq l-azzjoni. F'dan is-sens jgħallem, fost oħrajn, Pugliese......" il momento iniziale è quello in cui il diritto soggettivo è nato ed atto all'esercizio, e il titolare per qualsiasi causa, sia pure esclusivamente soggettiva...... non lo esercita o cessa dall'esercitarlo" (Prescrizione Estintiva, para. 63); Laurent: "il corso della prescrizione estintiva prenderà inizio dal giorno in cui l'azione è nata" (Diritto Civile, Vol. XXXII, para. 15); Baudry-Lacantinerie: "La prescrizione estintiva di un diritto o di una azione decorre in principio dal momento che il diritto esiste o che questa azione è nata" (Della Prescrizione, para. 280);

Issa, id-dritt tal-attur kontra l-konvenut beda jeżisti, u l-azzjoni relattiva nħolqot, minn meta, kif jippretendi l-attur, saret il-leżjoni mill-konvenut, u din il-leżjoni saret fis-sena 1945, l-aktar tard, jew sebgħa snin qabel ma l-attur deherlu li kellu jiċċaqlaq biex jibda din l-azzjoni;

Dan apparti, jista' jingħad li l-azzjoni tal-attur tibqa' dejjem kolpita bl-imsemmija preskrizzjoni, anki jekk id-dekorriment tal-preskrizzjoni kellu jitqies bil-mod kif sottomess minnu. Infatti, jirriżulta mix-xhieda ta' mart l-attur, li hija u żewġha ndunaw bil-ħsara lamentata minnhom f'dan il-ġudizzju, u l-kawża tagħha, malli daħal fid-dar l-inkwilin il-ġdid minflok il-konvenut; u dan ma setgħax ġara ħlief fis-sena 1945, jew l-iżjed 1946;

Illi l-attur jissottometti wkoll li fil-kors tal-kawża l-konvenut, kif wera bl-atteġġjament tiegħu, irrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni ġa minnu opposta fil-bidu. Lanqas dan ma hu korrett. Biex ikun jista' jingħad li l-konvenut irrinunzja għall-preskrizzjoni ġa minnu formalment opposta fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, jeħtieġ evidentement li din ir-rinunzja tkun espressa; u rinunzja simili ma tirriżultax li saret. Għall-kuntrarju, kif jidher mill-proċess verbali tas-seduti miżmuma mill-perit ġudizzjarju, fis-seduta tas-26 ta' April 1954, il-konvenut iddikjara, għall-kull fini, illi, għalkemm kienu qegħedin isiru l-provi rigwardanti l-eżistenza tad-danni allegati fiċ-ċitazzjoni, u r-responsabbiltà relattiva, huwa qatt ma kien irtira, u kien bi ħsiebu jinsisti fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu mogħtija, anki jekk inkompatibbli ma' dawk il-provi;

Rat in-nota tal-appell tal-attur......;

Rat il-petizzjoni tal-attur, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija, iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jippretendi li t-terminu tal-preskrizzjoni beda jgħaddi minn meta huwa sar jaf bid-danni u bl-oriġini tagħhom, u mhux minn meta ġraw dawk id-danni, billi

jsostni li qabel dak inhar huwa ma setgħax jeżerċita l-azzjoni kontra l-konvenut. Iżda l-liġi ma tirrikjedix li d-danneġġjat ikun jaf x'sar biex jibda għaddej it-terminu talpreskrizzjoni; tant li l-liġi stess tgħid li dan jimxi anki kontra l-assenti (art. 2227 (a) Kod. Ċiv.). L-azzjoni titnissel malli jsiru l-ħsarat; u minn dak il-mument tista' tiġi eżerċitata, u għalhekk jibda jgħaddi t-terminu tal-preskrizzjoni (art. 2242 Kod. Ċiv.);

Illi rriżulta li l-ħsara lamentata mill-attur ġrat mhux aktar tard mis-sena 1946, u allura l-attur qabbad lil ċertu Scicluna jnaddaf gandott li minħabba li kien ingumbrat ġiet prodotta l-umdità li ġiebet il-ħsara. Ħsara oħra ġrat fil-kostruzzjoni tax-xelter matul il-lokazzjoni, u għalhekk qabel is-sena 1946, meta l-lokazzjoni kienet żgur spiċċat. Irriżulta li qabel ma spiċċat il-kirja tal-fond favur il-konvenut, mart l-attur, meta ġa l-attur kien irritorna mis-servizz tan-Navy, marret ilmentat mal-konvenut fuq l-umdità, u attribwiet il-kawża tal-umdità għall-materjal mitfugħ fuq il-blat mill-konvenut, u b'hekk uriet li mhux biss kienet teżisti l-ħsara, iżda wkoll kienet taf biha u bl-oriġini tagħha. Intant, minn dak iż-żmien sakemm l-attur bagħat l-ittra uffiċjali tat-2 ta' April 1952 lill-konvenut, kienu għaddew massitt snin; u għalhekk kienet għalqet il-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut irrinunzja impliċitament u bl-imġieba tiegħu għall-preskrizzjoni, billi ħalla li jsiru l-provi u l-perizja. Iżda, biex ikun hemm dik ir-rinunzja impliċita jew taċita, jeħtieġ li jkun hemm komportament inkonċiljabbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan ma kienx il-każ, għax l-eċċezzjoni ġa mogħtija qatt ma ġiet ritirata, u għalhekk baqgħet isseħħ; u l-konvenut, fis-seduta stess tal-11 ta' Mejju 1955, żamm ferma l-eċċezzjoni li kien ta (fol. 70). Fl-aħħarnett, għandu jiġi osservat li l-preskrizzjoni tista' tingħata anki f'sedi ta' appell; u għalhekk mhix preżumibbli rinunzja għall-preskrizzjoni ġa formalment mogħtija sempliċement għax il-konvenut ħalla li jinstemgħu l-provi fuq il-meritu;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.